MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2397/2004

**Francis Montanaro (ID146582M) kif surrogata fid-drittijiet ta' ARF Company Limited skond Skrittura Privata**

**vs**

**Alfred Pisani**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Dicembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tmien mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm829.24) rapprezentanti l-ammont imhallas mill-attur lil Stephen Balzan, fil-kwalita' tieghu ta' likwidatur tas-socjeta` ARF Company Limited, liema ammont kien effettivament dovut mill-konvenut, u dan skond ma jirrizulta mill-iskrittura privata relattiva ghall-assenjazzjoni tal-kreditu u**

**surroga konsegwenti, u kif jista' jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja, tal-konsult u tal-iskrittura privata msemmija ammontanti ghal tmienja u tletin lira u sebghin centezmu (Lm38.70), flimkien mal-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fl-14 ta' Frar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur kif surrogata fid-drittijiet ta' ARF Company Limited is-somma ta' tmien mija u disgha u ghoxrin lira Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm829.24) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mit-13 ta' Jannar, 2005 sad-data tal-hlas effettiv.**
**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra bonarja, tal-konsult u tal-iskrittura privata msemmija ammontanti ghal tmienja u tletin lira u sebghin centezmu (Lm38.70), ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------